BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


30 t' April, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 27(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 27(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar il-Erbgha 22 ta' April fi 6.00 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.
Is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku nghaqqad ghal-laqgha fi 6:30 ta' filghaxija
Is-Sur Ivan Peresso kien skuzat

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**.

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taqra l-minuti tal-laqgha 25 (05) u tal-laqgha b'urgenza 26 (05)

1.1 Item 1.1 (25/05), is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ghan-nom tal-Kunsill, hu kien kiteb ittra lil Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi sabiex jinfurmah dwar is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz. Is-Sindku zied jghid li flimkien ma' din il-korrispondenza ntbghatu madwar 14 –il korrispondenza ohra relatata ma' din il-kwistjoni mibghuta lil diversi diretturi ta' dipartimenti u entitajiet ohra responsabbli minn dan il-progett. Hawnhekk il-Kunsilliera Miriam Grech nfurmat lis-Sindku u l-Kunsilliera

prezenti li semghet xi ghajdut li xi residenti ta' Triq San Lawrenz ser jaghmlu petizzjoni sabiex din it-triq ma ssirx biz-zonqor izda ssir bit-tarmac. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill qieghed jaghmel l-ghalmu tieghu sabiex dan il-progett jitlesta u xhieda ta' dan huma l-ittri kontinwi li jintbaghtu.

1.2 Dwar Item 1.3(25/05), is-Sindku talab sabiex terga tintbaghat ittra lil Perit David Vassallo, direttur fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport dwar ir-Rapporti minbghuta lilu zmien ilu rigward il-problema ta' Triq il-Kunvent, fil-Birgu.

1.3 Item 1.4(25/05), is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsilli Lokali tal-Kottonera flimkien mal-kunsill Lokali tal-Kalkara ghadhom qeghdin jistennew risposta minghand l-Awtorita tat-Turizmu dwar jekk il-Festival tal-Kottonera mhux ser issir jew le.

1.4 Dwar item 1.5 (25/05), is-Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien hallas l-ammonti mitluba mill-Perit Duncan Mifsud ghal applikazzjoni ta' emendi fil-progett tal-Gnien tal-Hawli fi 23 ta' Frar, 2009, il-pjanti u l-emendazzjoni dahlet l-MEPA fl-14 ta' April, 2009. Barra minn hekk, il-Kunsill gie nfurmat li l-istess Kunsill ried ihallas l-ammont ta' € 3514 , relatati ma' l-imsemmija emendazzjoni, liema ammont gie mhallas.

1.5 Item 1.6 (25/05), Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-bord ta' l-evalwazzjoni ta' l-iskema dwar l-inizjattivi sportivi fil-lokalita talab xi kjarifiki dwar il-budget sottomess mill-Kunsill, liema kjarifiki gew sottomessi kif mitluba lil l-imsemmi board.

1.6 Dwar item 1.7 (25/05), is-Sindku qal li b'vot unanimu huwa rega gie elett bhala Vici President ta' l-Assocjazzjoni AVEC. Barra minn hekk nforma lil Kunsilliera li hemm il-possibilta li l-laqgha ta' l-ezekuttiv ta' din l-assocjazzjoni tigi organizzata gewwa l-Birgu, dejjem jekk ma tigix organizzata mill-Kunsill ta' Santarem, fil-Portugal.

1.7 Dwar item 2.6 (25/05), is-Sur John Boxall, Sindku qal li s-Sur Martin Scicluna, chairman tal-Bord ta' l-English Speaking Union ( ESU), kien gie sabiex jara l-post offrut min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, dak fil-Berga ta' l-Ingilterra. Hawnhekk is-Sindku zied jghid li l-idea kienet ntoghgbot u qed nistennew risposta.

1.8 Item 2.8 (25/05), dwar it-tieni *audit* tal-progett "Qualicities". Hawnhekk is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mas-Sinjorina Amandine Leopold fuq risposta ghall-ittra mibghuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sinjura Leopold nfurmat lil Kunsill li l-ispiza totali sabiex isir l-*audit* fuq jumejn kienet ta' € 1152. Wara d-diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex dan l-*audit* isir.

**Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar inghaqqad ghal-laqgha**

1.9 Dwar item 2.9 (25/05), is-Sindku qal li ser isir xi tibdil dwar l-ispustjar ta' l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill. Is-Sur John Boxall qal li l-Onorevoli Dr. Chris Said baghat

ghalih bhala Sindku u ghas-Segretarja Ezekuttiva b'urgenza dwar is-sitwazzjoni mac-chairman ezekuttiv tal-Fondazzjoni Wirt Artna, s-Sur Mario Farrugia. Hawnhekk is-Sindku ghal darb'ohra rega sosstna d-decizjoni mehuda mill-istess Kunsill li l-Kunsill Lokali tal-Birgu mhux ser icedi xejn mil-propjeta devota lilu. Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar ippropona li jekk jibqghu jiziedu l-problemi mal-Fondazzjoni Wirt Artna, il-Kuntratt ezistenti ghandu jaqa. Is-Sur John Boxall, Sindku talab sabiex il-Kunsill jiehu parir ta' l-avukat dwar il-Kuntratt ezistenti mal-Fondazzjoni Wirt Artna. Wara diskussjoni l-Kunsilliera prezenti qablu lit-toilets ezistenti li hemm f'wahda mil-kmamar ta' isfel, f'Couvre Porte u li huma propjeta tal-Kunsill m'ghandhom jintuzaw minn hadd mil-Fondazzjoni Wirt Artna.

1.10 Item 2.13 (25/05), Jum il-Birgu, 2009. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jrid jahseb min issa kif ser jorganizza l-attivitajiet ghal Jum il-Birgu, 2009. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li fl-istess zmien fil-Birgu ser ikun hawn il-konferenza tal-progett "Oralities". Wara d-diskussjoni, il-kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex l-organizazzjoni ta' Jum il-Birgu, 2009, tkun f'idejn il-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar. Hawnhekk il-Kunsilliera Miriam Grech,issugeriet sabiex il-Kunsill jahtar sotto-kumitat ghal organizazzjoni ta' Jum il-Birgu, 2009, liema sotto-kumitat jkun maghmul mill-Kunsilliera, kif ukoll minn membru ta' dawk l-ghaqdiet jew socjetajiet li urew interess u bghatu s-sottomissjonijiet taghhom biss. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex l-ewwel laqgha ta' dan is-sotto kumitat issir nhar it-Tlieta 28 ta' April, 2009. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.11 Dwar item 2.15 (25/05), is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta pjanta mibghuta mis-Sur Michael Darmanin sid il-hanut "Old City Pub" fejn issugerixxa sabiex iwessa' l-bankina biswit il-hanut tieghu li tinkludi l-parti sostanzjali minn Triq San Lawrenz, kif muri fl-istess pjanta. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti unanimament qablu li t-talba tas-Sur Darmanin trid l-ewwel u qabel kollox ssir direttament lil MEPA u lill- ADT , jekk l-imsemmija talba tkun approvata miz-zewg Awtoritajiet kkoncernati, il-Kunsill wara jkun jista jikkonsidra t-talba tas-Sur Darmanin. Barra minn hekk,l-ispiza kollha tax-xogholijiet relatati ma' din it-talba jkunu maghmula mis-Sur Darmanin.

1.12 Item 4 (25/05), dwar il-proposta mill-Kumpanija "TK Associates", is-Sindku qal li l-applikazzjoni ghal progett "Virtual Birgu" fi hdan l-iskema ta' progetti pilota ghall-izvilupp sostenibbli, kienet giet sottomessa. Barra minnhekk, is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-proposta ta' € 20,000, giet accettata verbalment mill-Kumpanija TK Associates u l-Kunsill qieghed jistenna risposta formali.

1.13 Dwar item 7 (25/05), is-Sindku qal li l-attivita "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha" kienet attivita ta' success biss il-Kunsill ghas-sena d-diehla irid jahdem iktar. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Volontiera kollha li ghenu lil Kunsill itella' din l-attivita l-ewwel wahda ta' din ix-xorta.

1.14 Item 9.1 (25/05), is-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha ma' l-Eccelenza Tieghu Fra John Critien. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.15 Item 1 (26/05), is-Sur John Boxall, Sindku qal li s-Sinjorina Anthea Vella kienet bdiet bhala skrivana mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li s-Sinjorina Vella sejra tajjeb.

1.16 Item 5 (26/005), is-Sindku ssugerixxa sabiex tissejjah laqgha ma' l-Arcipriet Fr. Joe Caruana minhabba s-sitwazzjoni li nqalghet wara l-quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkazzjoni tal- 50 sena anniversarju tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana fejn il-Kunsilliera gew avzati sabiex ma jpoggux bil-qeghda fil-knisja fuq il-bankijiet ta' quddiem hdejn is-Sindku. Is-Sindku zied jghid li din il-mizura tista' thalli effetti negattivi fuq il-Kunsill. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

**Korrispondenza**

2.1 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghal photocopier minghand il-Kumpanija Alfa ghal prezz ta' € 1150 ghal-liema kwotazzjoni, l-kunsilliera kienu diga gew nfurmati permezz tat-telefon minhabba l-esigenza tax-xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mitlub sabiex jippartecipa f'attivita li ser tkun organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha b'kollaborazzjoni mal-General Soft Drinks u bil-partecipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Mdina u Rabat Ghawdex. Is-Sindku zied jghid li din l-attivita ser issir fi 30 ta' Mejju, 2009, u ssugerixxa sabiex il-Kunsill jikkoragixxi lil ghaqdiet sabiex jippartecipaw. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Talba minghand is-segretarju ta' l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own, fejn talab lil Kunsill sabiex tul il-faccata tal-genb tal-Kazin ta' din l-ghaqda fi Triq Bettina, jsir *double yellow line* minhabba l-ipparkjar tal-karozzi. Wara diskussjoni il-kunsilliera prezenti qablu sabiex d-*double yellow line* isir biss quddiem il-bieb tal-genb tal-kazin, min fejn il-barman jkun irid juza ghal bzonnijiet tieghu.

2.4 Ittra mis-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn ghan-nom tal-Kumitat talab il-permess sabiex fil-granet tal-Festa ta' San Duminku, jigi sparat nar ta' l-ajru minn tal-Hawli. Wara d-diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu japprova din it-talba u ma jsib l-ebda oggezzjoni biss huwa mportanti ferm li l-imsemmi kumitat jikseb l-permessi kollha mehtiega kif ukoll jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega, sabiex il-post jithalla nadif wara li jispicca l-imsemmi hruq ta' nar.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra kongunta mibghuta mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz u l-kumitat Festi Esterni San Duminku fejn infurmaw lil Kunsill li b'dispjacir kellhom ihassru l-attivita tal-"Wine Festival" li kellhom jorganizzaw flimkien iz-zewgt kumitati bejn it- 8 u d-9 ta' Mejju, 2009, minhabba nuqqas ta' sponsors, n-nuqqas ta' interess minn ghaqdiet ohra u n-nuqqas ta' "manpower".

2.6 Ittra minghand is-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Dumniku, fejn ghan-nom tal-Kumitat talab il-permess mehtieg sabiex fl-okazzjoni ta' l-Ewwel Tlieta ta' San Duminku, nhar it-Tlieta 19 ta'Mejju, 2009, jorganizzaw attivita socjali fil-wesgha ta' taht l-ufficini tal-Kunsill f'Couvre Porte. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu ma sabu l-ebda oggezzjoni, izda, jsir il-hlas dovut ghal permess necessarju skond il-ligi. Jekk l-imsemmija socjeta titlob sabiex il-Kunsill jissuplixx l-kurrent elettriku, dan irid isir bi hlas xieraq u ragonevoli ghas-somma ta' hamsin euro (€ 50) u mmedjatament wara l-attivita, l-post irid jithalla nadif.

2.7 Is-Sindku pprezenta korrispondeza minghand is-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku bhala risposta fuq l-ittra mibghuta mill-istess Kunsill dwar l-uzu ta' l-arbli ta' fuq il-bejt ta' l-ufficini Aministrattiv tal-Kunsill nhar l-attivita tad- 9 ta' Mejju, 2009, fejn nforma lil Kunsill li l-kumitat tieghu ma sab l-ebda oggezjoni sabiex il-Kunsill juza l-imsemmija arbli. Barra minn hekk nfurmaw lil Kunsill li huwa ovju li la darba dawn l-arbli huma armati l-Kumitat Festi Esterni San Duminku mhux qed jipretendu li jkun hemm xi spejjez involuti.

2.8 Ittra kongunta mibghuta ndirizzata lil Kunsill, mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz u l-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn infurmaw lil Kunsill, u fejn ikkuppjaw ukoll lil ghaqdiet kulturali tal-Birgu, l-kumitati partiti politici tal-Birgu u l-ghaqdiet sportivi tal-Birgu, li f'laqgha kongunta bejn iz-zewg Kumitati sar qbil unanimu li ghal kull darba li jigu mitluba sabiex jarmaw xi armar milli jipposjedu, dan ma jsirx jekk mhux bi hlas ragonevoli. Il-kontenut ta' l-ittra gie nnutat u wara diskussjoni gie deciz li kull attivita jew kull permess mitlub min dawn il-kumitati jrid jsir bi hlas skond kif tippermetti l-ligi.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta Memo 25/2009 mahruga minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar fondi specjali ghal-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali fejn kull Kunsill jista jibbenifika minn dawn il-fondi. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill, billi l-Belt tal-Birgu hija Belt Turistika, japplika ghal fondi specjali sabiex jigi pprovdut is-servizz ta' gbir ta' skart u t-tindif tat-toroq nhar ta' Hadd, kif ukoll ghal iktar *signage* fil-lokalita ghal postijiet storici u l-possibilta li tinfetah information kiosk fil-lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Ittra minghand is-Sinjura Ruth – Ann Attard f'isem l-guidance teachers tal-Kullegg Santa Margherita, fejn irringrazzjat lil Kunsill talli ppartecipa fil-"Job Shadow Experience" fejn zewg studenti mill-Kullegg nghataw esperjenza ta' gimgha xoghol fi hdan il-Kunsill u barra minn hekk talbet donazzjoni ghan-nom tal-Kullegg ghac-cerimonja ta' rikonoxament li ser titella nhar il-Gimgha 8 ta' Mejju, 2009. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu joffri donazzjoni ta' € 100. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku, s-Sur John Boxall iprezenta "co-operation agreement" mibghut mil-Kunsill ta' Gela fl-Italja dwar proposta ghal participazzjoni fil- grupp ewropej ta' koperazzjoni territorjali – "Citta del Mare – E.G.T.C".

2.12 Korrispondenza mil-"European Association of Historic Towns and Regions" fejn stiednu lis-Sindku, s-Sur John Boxall ghal konferenza li ser issir bejn it- 8 u l-10 ta' Lulju, 2009 gewwa Vilnius fil-Lithuania, dwar l-ibliet Storici Ewropej u l-politika u l-kultura taghhom. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li s-Sindku jmur ghal din il-konferenza u jekk u possibli jiehu lil xi hadd mieghu.

2.13 Ittra minghand il-Fondazzjoni OASI fejn talbu donazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill bhas-sena precidenti joffri donazzjoni ta' € 50. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku pprezenta ittra minghand l-Malta Football Association fejn approvaw it-talba taghna sabiex isir UEFA mini-pitch gewwa l-Birgu. Wara d-diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex dan il-ground jigi nstallat fl-iskola primarja Santu Rokku u dan sabiex matul il-gurnata jkun jista' jintuza mit-tfal ta' l-istess skola. Dan ghandu jigi diskuss mal-Kap ta' din l-Iskola u mal-Principal tal-Kullegg Santa Margerita, s-sur Sandro Spiteri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.
Hawnhekk is-Sindku fakkar lil Kunsilliera dwar il-fond UIF fi hdan il-MEPA ta' € 5241, liema fond jista' jintuza ghar-riabilitazzjoni fil-lokalita. Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa l-kunsill juza dan il-fond sabiex jinstalla dan il-mini pitch. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Kwotazzjoni minghand il-Kumpanija Amabile Galea & Sons ghal xoghol ta' bieb tal-hadid gdid ghal post maghruf bhala Persico (taht il-Posta ta' Franza). Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni minghand din il-kumpanija kienet ghal € 590. Wara d-diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta kwotazzjoni ghal xoghol ta' pugaman fit-tarag ta' quddiem l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill. Is-Sindku pprezenta 3 kwotazzjoni dik minghand il-kumpanija "Amabile, Galea & Sons" ghal prezz ta' € 2047, dik minghand il-kumpanija "Tony's Aluminium & Iron Works" ghal prezz ta' € 2735 u dik minghand il-kumpanija "Joy Aluminium" ta' € 2405. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija "Amabile Galea & sons". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>Rendikont dwar il-Progett "Beyond Signs in the City"</u>

Il-Kunsilliera Miriam Grech tat rendikont dwar il-vizita tas-sinjura Reneta Palova u camera person mill-progett "Beyond Signs in the City" li bejn it- 8 u t-12 t'April kienu fil-Belt tal-Birgu jiffilmjaw d-diversi attivitajiet li kien hawn fil-lokalita. Hawnhekk, is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera Miriam Grech tax-xoghol siewwi li ghamlet. Il-Kunsilliera Miriam Grech, responsabli min dan il-progett talbet sabiex il-Kunsill jibghat ittra ta' ringrazzjament lil Klabb tal-Bocci, l-Klabb tar-Regatta, lil Lawrence Cassar ta' Cassar Bakery, lil Ecc. Tieghu Fra John Critien, lil Mario Azzopardi maghruf bhala s-sufu u li hwienet kollha li ospitaw lid-delegazzjoni. Dwar dan kienhemm qbil unanimu.

**4. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' Avukat**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera [prezenti li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' avukat kienet ghalqet nhar il-Gimgha 17 ta April, 2009, fejn intefghu 5 applikazzjonijiet. Dawn kienu, dik ta' Dr. Edward Zammit Lewis ghalprezz ta' € 27 fis-siegha, dik ta' Dr. Neville Camilleri ghal prezz ta' € 46 fis-siegha, dik ta' Dr. Maria Criminale ghal prezz ta' € 35 fis-siegha, dik ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghalprezz ta' € 15 u dik ta' Dr. Adrian Delia fejn il-prezz kkwotat kien € 46 ghall-ewwel 15 –uil siegha, € 42 ghat-tieni 20 siegha u mbaghad l-prezz jkun ta' € 38 fis-siegha. Wara d-diskussjoni,s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ma jiehux decizjoni ghal issa, izda jitlob sabiex jinghata parir ulterjuri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Decizjoni dwar it-tender ghaz-zamma u manutenzjoni tat-toroq**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-sejha ghal dan it-tender kienet ghalqet il-Gimgha 17 ta' April, 2009, f'nofsinhar, izda ma kien hemm l-ebda offerta mitfugha. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex terga tinhareg is-sejha ghal offerti. Dwar dan kienhemm qbil unanimu..

**6. Ir-Riforma l-gdida tal-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku pprezenta kopja tar-riforma l-gdida pprezentata mill-Onorevoli Dr. Chris Said rigward il-Kunsilli Lokali ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u talabhom li jekk ihossu li hemm xi sottomissjonijiet jew xi kummenti, dawn isiru fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**7. Performance Bonus lil Haddiema Klerikali**

Is-Sindku s-sur John Boxall, talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taghti l-opinjoni taghha dwar ix-xoghol moghti mis-sinjorina Ritianne Bonnici. Is-sinjorina Christine Bonello qalet li min-naha taghha, hi dejjem rat xoghol tajjeb min-naha tas-Sinjorina Bonnici u tghinha hafna fl-andament tax-xoghol.

Wara diskussjoni, is-Sindku qal li ghal din is-sena wara d-diffikultajiet kollha li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' maghhom, l-Kunsill ghandu japprova l-full performance bonus kemm lis-sinjorina Bonnici kif ukoll lis-Segretarja Ezekuttiva, jigifieri dak ta' 6% u 10% rispettivament. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat filwaqt l-Vici Sindku, zied jghid li din is-sena l-istaff klerikali kien haqqhom ghax-xoghol siewi li ghamlul f'diversi mumenti ta' diffikultajiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Segretarja Ezekuttiva rringrazzjat lis-Sindku u lil Kunsilliera prezenti.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

**8. Il-Programm Cirkwit tal-Progett Oralities nhar is-Sibt 9 ta' Mejju, 2009**

Is-Sur John Boxall, Sindku ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal programm cirkwit tal-progett Oralities nhar is-Sibt 9 ta' Mejju, 2009 bil-partecipazzjoni ta' 3 gruppi barranin minn Evora u Mertola fil-Portugal, u Ravenna fl-Italja kif ukoll mis-Sopran Ruth Sammut Casingena li ser tirraprezenta l-Belt tal-Birgu.

Il-laqgha ntemmet fl-ghaxra u ghaxar minuti (10:10pm) ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku